# Il-Ħadd 15.03.2015

1. Il-Ġimgħa 13/03, il-Papa Franġisku sejjaħ *Ġublew straordinarju* li jkun ibbażat fuq il-kelma ta' Alla: "Ħennu, bħalma hu ħanin Missierkom" (ara Lq 6:36). Din is-***Sena Mqaddsa tal-Ħniena*** tiftaħ it-Tlieta 8/12/2015, Solennità tal-Immakulata Kunċizzjoni, u tagħlaq il-Ħadd 20/11/2016, Solennità ta' Sidna Ġesù Kristu Sultan tal-univers u wiċċ ħaj tal-ħniena tal-Missier.

2. It-Tlieta 17/03:
   - Fid-9:30am imiss il-Laqgħa tal-Kelma tal-Ħajja għand is-Sorijiet Dumnikani. Kulħadd mistieden.

3. Il-Ħamis 19/03, **Solennità ta' San Ġużepp, ir-Raġel ta' Marija, Omm Alla**:
   - Minkejja li mhix festa kkmandata, xieraq li nqaddsu dan il-jum bil-quddies. Il-ħin tal-Quddies ikun bħal nhar ta' xogħol.

4. Il-Ġimgħa 20/03:
   - Mis-6:30pm sas-7:15pm ser issir Quddiesa u Mument ta' Adorazzjoni tas-Salib b'kant u talb stil Taizè.

5. Is-Sibt 21/03:
   - **L-Ingress Solenni tal-E.T. Mons. Charles J. Scicluna bħala Arċisqof ta' Malta**:
     - Fit-8:30am l-Arċisqof jitlaq mill-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Lija.
     - Fid-9:00am tibda ċ-ċerimonja mill-Knisja ta' San Duminku, ir-Rabat. L-Arċisqof ser jgħaddi mit-toroq tar-Rabat lejn il-knisja ta' San Pawl, il-knisja Ta' Ġieżu u dik ta' San Mark (Agostinjani), fejn jingħaqdu miegħu l-Kappillani tal-parroċċi ta' Malta, qabel jimxi lejn il-Katidral tal-Imdina.
     - Fil-11:00am imbagħad tibda l-quddiesa tal-Bidu tal-Ħidma tiegħu bħala ragħaj tal-Arċidjoċesi ta' Malta.
       *Naturalment inħeġġukom biex tingħaqdu miegħu, possibilment bil-preżenza tagħkom, u żgur bit-talb tagħkom. Tistgħu ssegwu ukoll dawn iċ-ċelebrazzjonijiet minn fuq it-televiżjoni u l-mezzi tax-xandir.*
   - Fit-8:00pm - Laqgħa għall-koppji miżżewġa u wara ħin fejn nieħdu xi ħaġa flimkien għand is-Sorijiet Dumnikani. Min bi ħsiebu jattendi jinforma lill-Kappillan jew lil xi ħadd mill-kummissjoni Familja biex isiru l-preparamenti meħtieġa.

6. Il-Ħadd 22/03, **il-Ħames Ħadd tar-Randan**:
   - Fuq iz-zuntier tal-knisja ser tkun qed tittella' kampanja ta' karità permezz ta' bejgħ ta' Kejkijiet b'risq Puttinu Cares ikkoordinata mill-Grupp Miżżewġin 2000.

7. Avviżi oħra:
   - Il-Kunsill Lokali qed jistedinkom għat-Tnedija tad-Dokumentarju dwar Ħal Safi li ser issir fis-Sala tal-Iskola Primarja nhar il-Ġimgħa 20/03 fis-7:30pm. Biljetti jistgħu jinkisbu b'xejn mill-Uffiċċju tal-istess Kunsill.
   - Il-Każin Banda San Pawl jixtieq jgħarrafkom li fi żmien il-festa ta' San Pawl tax-xitwa nġabret is-somma ta' € 3,243. Grazzi lil kulħadd.

8. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 280 minn ħarġa li kellna;
   - € 50 bħala donazzjonijiet għar-restawr tal-istatwa ta' San Pawl. Grazzi mill-qalb.